MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 471/2002/1

**Anthony J. Terreni**

**v.**

**Dottor Rene` Frendo Randon, G.R.A.P. Limited, Reginald Fava,**
**Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni sollevata mill-appellat Dott. Rene` Frendo Randon, bin-nota tieghu tal-15 ta' Jannar 2008, dwar id-deserzjoni tal-kawza

peress li hu, bhala wiehed mill-partijiet fil-kawza, ma kienx gie notifikat bir-rikors ta’ appell entro t-terminu ta’ sena. Il-posizzjoni mehuda mill-appellat Dott. Randon giet ukoll avallata mill-Avukat Dott. Richard Camilleri, li qed jidher ghas-socjeta` G.R.A.P. u ghall-membri tal-familja Fava, fl-udjenza tat-28 ta’ Jannar 2008.

**2.** Il-fatti relevanti ghal din il-kwistjoni huma s-segwenti: Fl-20 ta’ Ottubru 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat id-decizjoni taghha fil-kawza istitwita minn Anthony Terreni kontra l-konvenuti hawn aktar ‘l fuq indikati billi cahdet it-talbiet ta’ l-attur wara li akkoljiet il-hames eccezzjoni tal-konvenut Dott. Frendo Randon kif ukoll is-seba’ u t-tmien eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra. Anthony Terreni appella permezz ta’ rikors minnu intavolat fit-8 ta’ Novembru 2005. Fuq il-*folder* relattiv li jkun gie ppreparat mill-prokuratur legali, hemm indikati sitt persuni li ghandhom jigu notifikati, jigifieri il-konvenuti kollha. It-timbru li jakkumpanja l-presentata ta’ l-appell jindika ukoll li thallsu sitt notifiki (Lm3.00). Gara, pero`, li hemm riferti, li jindikaw li r-rikors ta’ appell gie notifikat, biss fir-rigward tas-socjeta` G.R.A.P. u ta’ l-erba’ membri tal-familja Fava. Dawn il-hames riferti jgibu tlieta minnhom id-data tal-10 ta’ Novembru 2005, wahda dik tat-8 ta’ Novembru 2005, u wahda ohra id-data 15 ta’ Novembru 2005. Ma saret ebda notifika, anqas tentattiv ta’ notifika, ta’ l-Avukat Dott. Rene` Frendo Randon. L-appellati G.R.A.P. u membri tal-familja Fava ippresentaw ir-risposta taghhom fit-28 ta’ Novembru 2005, liema risposta giet notifikata lill-Avukat Dott. Rene` Frendo Randon kif ukoll lill-avukat ta’ l-appellant Dott. Louis Cassar Pullicino – it tnejn li huma gew notifikati fit-30 ta’ Novembru 2005 fl-edifizzju tal-Qorti, l-ewwel wiehed billi r-risposta thalliet ma’ l-Avukat Dott. Philip Manduca, u fil-kaz ta’ Dott. Cassar Pullicino billi nghatat lilu personalment. Mill-2005 sal-bidu ta’ din is-sena, meta sar il-hlas ghan-notifiki ta’ l-avviz ta’ smigh ta’ l-appell, ma sar xejn aktar fir-rigward tan-notifika tar-rikors ta’ appell lill-Avv. Dott. Rene` Frandon Randon.

**3.** Fl-udjenza tat-28 ta’ Jannar 2008 tqajmet, kif inghad, l-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-kawza skond ma jipprovdi l-Artikolu 963(1)(5)(b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u

Procedura Civili (Kap. 12). In sostenn tat-tezi li f'dan il-kaz ma hemmx din id-deserzjoni, l-abbili difensur ta' l-appellant ghamel referenza ghad-decizjonijiet **Bonello *v.* Mizzi *noe et*** moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, tal-15 ta' Dicembru 1997, u **Attard *v.* Farrugia *et*** ukoll ta' din il-Qorti diversament komposta, moghtija fl-20 ta' April 2000. Ghall-appellati G.R.A.P. u l-membri tal-familja Fava, u allura in sostenn tat-tezi opposta, l-Avukat Dott. Richard Camilleri ghamel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta fl-ismijiet **Schranz *v.* Micallef** tal-10 ta' Marzu, 2003. Jinghad ukoll li Dott. Cassar Pullicino ezibixxa kopja ta' pagni mid-*data base* tal-qrati – dawn, pero`, ma huma ta' ebda utilita` ghax jirriflettu biss dak li xi hadd ikun dahhal bhala informazzjoni fid-*data base*, u dawn id-dokumenti ma jistghux jiehdu post id-dokumenti w atti tal-kawza bhalma huma dawk id-dokumenti li fuqhom jigu registrati in-notifiki, pozittivi jew negattivi, permezz tar-riferta.
**4.** Wara li l-kawza thalliet ghal provvediment, l-appellat Dott. Frendo Randon ippresenta nota li fiha ghamel xi kummenti dwar il-kopji tal-pagni tad-*data base*, fuq imsemmija, kif ukoll referenza ghal zewg sentenzi. Peress li din in-nota ma kienitx giet awtorizzata mill-Qorti, l-istess nota qed tigi sfilzata.

**5.** Wara li din il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza in materja, hija ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tipprocedi skond id-dottrina elaborata minnha stess fis-sentenzi indikati mill-appellant. Hawn ghandna sitwazzjoni differenti mil-kaz ta' **Schranz v. Micallef** (u hafna ohrajn) fejn ikun hemm riferta negattiva u l-appellant jibqa' ma jaghmel xejn dwarha fi zmien utili (ta' sena mid-data tal-presentata tar-rikors ta' appell) jew kazijiet ohra fejn il-partijiet kollha li ghandhom jigu notifikati ma jigux indikati kif suppost fuq il-*folder* u/jew ma jsirx il-hlas mehtieg ghal daqstant numru ta' notifiki. Fil-kaz in dizamina ghandna *folder* li jindika <u>lil kull min ghandu jigi notifikat</u>, u sar ukoll il-pagament ghal <u>sitt</u> notifiki. Ghal raguni inspjegabbli, saru n-notifiki – u hemm riferti pozittivi – fil-konfront ta' kull min kellu jigi notifikat f'Tas-Sliema (inkluza s-socjeta` G.R.A.P.), izda ma hemm ebda notifika – li, jerga' jinghad, l-appellant <u>kien talab li ssir u anke hallas ghaliha</u> – ta' l-unika persuna li

kellha tigi notifikata hawn il-Belt Valletta, l-Avukat Frendo Randon. B’dan il-mod gara li kemm din il-Qorti kif ukoll l-appellant ma jistax jistabilixxi jekk dana Dott. Frendo Randon kienx gie notifikat o meno, prova li trid issir fl-ewwel lok mir-riferta ta’ l-ufficjal ezekutur. Din il-Qorti kif illum komposta taghmel taghha (b’modifika zghira) dak li nghad fis-sentenza **Attard *v*. Farrugia *et***, *supra*, u cioe`:

**“Dan hu allura wiehed minn dawk il-kazijiet [eccezzjonali] fejn il-Qorti jehtigilha tissana d-deserzjoni ta’ l-appell li jista’ jitqies li fattwalment sehh ghaliex materjalment kien skada t-terminu statutorju li fih il-proceduri bil-miktub kellhom jinghalqu proprju ghaliex minhabba nuqqas amministrattiv serju [da parti tal-ufficjal ezekutur] ma tirrizultax mill-atti l-prova li l-ufficjal ezekutur attwalment ezegwixxa d-direttiva li kellu li jinnotifika lil dan il-konvenut [Frendo Randon], ghal liema notifika sar il-hlas, u wisq anqas jirrizulta mill-atti x’kien ir-rizultat posittiv [jew] negattiv ta’ l-esekuzzjoni ta’ tali ordni. Fic-cirkostanzi l-appellant tqieghed f’posizzjoni li ma setax sewwa jsegwi l-atti u l-progress taghhom u li konsegwentement jirrimedja fi zmien utili.”** (iz-zidiet jew modifiki ta’ din il-Qorti kif illum komposta huma fil-qwies kwadri).

**6.** Hu ghalhekk il-kaz li jigi applikat is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 963. Il-Qorti ghalhekk tiddifferixxi l-appell ghal nhar it-Tnejn 7 ta’ April 2008 fid-9.30 a.m. u tipprefiggi ghall-gheluq tal-proceduri iz-zmien perentorju ta’ xahar mil-lum.

**7.** L-ispejjez ta’ dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kollha fil-kawza.

**8.** Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din id-decizjoni tigi minnufih komunikata lir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili biex dan jiehu l-mizuri neccessarji fl-ambitu tas-setghat tieghu biex zbalji bhal dak li gara f’dan il-kaz ma jirrepetux ruhhom.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------